**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Maġistrat Dr Simone Grech LL.D.**

**Seduta tal-24 ta' Settembru 2019**

**Avviż Numru 17/2019 SG**

**Joseph Said**

**Vs**

**Nicholette Theuma**

**Il-Qorti,**

## I. Preliminari

Rat l-avviż tal-24 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimata tħallsu s-somma ta' sitt elef u tlett mitt Ewro (EUR 6,300) rappreżentanti flejjes li huwa nefaq għall-intimata fi vjaġġi li minnhom ibbenifikat l-istess intimata u li għalkemm l-intimata kienet f' obbligu li tħallsu lura, l-istess intimata baqgħet inadempjenti. Ġie premess li l-ammont reklamat ikopri in kwantu għas-somma ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (EUR 3,500) f' safra fl-Awstralja fl-2012; għas-somma ta' mija u ħamsin Ewro (EUR 150) f' safra fil-Bulgarija fl-2014; għas-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (EUR 2,500) f' safra fl-Istati Uniti tal-Amerka fl-2015, u għas-somma ta' mija u ħamsin Ewro (EUR 150) f' safra fil-Polonja fl-2017.

Bl-ispejjeż ta' dan l-avviż u bl-imgħax relattiv mid-data tal-ittra uffiċjali numru 4070/18 tal-21 ta' Diċembru 2018 mibgħuta lill-intimata sad-data tal-ħlas effettiv, kollha kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Nicholette Theuma ppreżentata fit-18 ta' Frar 2019 fejn esponiet bir-rispett:

> *"Preliminarjament illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi t-talba ta' l-istess attur hija preskritta għat-tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi in oltre u bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent tirrileva li hija ma' għanda tgħati xejn lill-istess attur u dan kif sejjer jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-attur, Joseph Said, bl-ispejjeż."*

Rat illi din il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2019 stante l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-intimata.

Rat l-affidavit ta' Joseph Said ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2019.

Semgħet il-kontroeżami ta' Joseph Said fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019.

Rat li l-partijiet iddikjaraw li ma għandhomx iktar provi xi jressqu dwar il-preskrizzjoni sollevata.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

## II. Provi Prodotti

**Joseph Said** ppreżenta affidavit fejn spjega bil-ġurament tiegħu li huwa kellu relazzjoni ma' l-intimata liema relazzjoni bdiet fl-2007. Huma ma kinux jgħixu taħt saqaf wieħed iżda kienu jiffrekwentaw lil xulxin. Spjega li matul din ir-relazzjoni, huma kienu siefru flimkien. Kienu marru flimkien l-Awstralja fl-2012; il-Bulgarija fl-2014, l-Istati Uniti ta' l-Amerka fl-2015 u l-Polonja fl-2017. Spjega li huwa kien iħallas għal dawn il-vjaġġi minn butu filwaqt li l-intimata ma ħallset xejn. Qal li l-ispejjeż li ħallas kienu jinkludu t-titjiriet u l-akkomdazzjoni tal-intimata. Qal li huwa ħallas l-istess ammonti għalih.

Kompla jgħid li Nicholette kienet tippjana u tieħu ħsieb il-vjaġġ waqt li huwa kien jagħtiha l-flus kollha biex tħallas. Kull meta semmielha dwar l-ispejjeż, l-intimata kienet tgħidlu li meta taħdem *full time*, hija kienet ser tħallsu ta' sehemha. Qal li dan id-diskors kienet tgħidulu qabel kull safra. Spjega li hija kienet tgħidlu biex ma jitkellimx quddiem ommha u familjari tagħha u anqas jitlobha l-flus quddiemhom. Insista li huwa kien jafda lill-intimata u għalhekk ma kienx joqgħod jinsisti magħha għall-ħlas.

Ikkonferma li meta siefru l-Awstralja, il-Bulgarija u l-Istati Uniti tal-Amerika, l-intimata kienet qed taħdem *part time* ma' Farsons u ċioe' għoxrin siegħa fil-ġimgħa. Meta marru l-Polonja fl-2017 hija kienet bdiet taħdem *full time* ma' Farsons. Spjega li huwa kien qalilha biex tħallsu ta' sehmeha iżda din kienet talbitu jagħtiha żmien sabiex tkun tista' tħallsu tal-vjaġġi kollha peress li kienet qed twarrab xi ħaġa mill-paga biex tħallsu biha. Qal li huwa emminha għax ir-relazzjoni tagħhom kienet waħda stabbli. Qal li dejjem ħa pjaċir is-safar għaliex hija kienet tippjana s-safar tajjeb.

Spjega li xahar wara li ġew mill-Polonja f' Ottubru 2017, ir-relazzjoni tagħhom ntemmet peress li huwa qabadha tagħti wiċċ lil ħaddieħor u ċioe' lil ċertu Alfred Azzopardi. Huwa ma riedx ikollu x' jaqsam aktar magħha u talabha tħallsu ta' sehmeha mill-ispejjeż tas-safar. Spjega li l-intimata bdiet tinjorah u huwa bagħtilha ittra uffiċjali fil-21 ta' Diċembru 2018. Wara li l-intimata injorat dik l-ittra, huwa pproċeda b' din il-kawża.

In **kontroeżami,** Joseph Said spjega li r-relazzjoni ma' l-intimata bdiet fl-2007 sal-2017. Huwa sostna li mhux veru li l-intimata kienet titmgħu kuljum. Huwa kien imur

għand l-intimata it-Tnejn u l-Erbgħa. Spjega li l-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, l-intimata kienet torqod għandu u kienu joħorġu biex b' hekk l-ispejjeż kien jħallashom hu. Spjega li kienu jieklu barra. Il-ħasil tal-ħwejjeġ kienet tagħmlu l-intimata darba f' ġimgħa. Ċaħad li l-intimata kienet tagħmillu l-mogħdija peress li huwa ma tantx jilbes qomos.

Huwa insista li ma jaqbilx li huwa kien jieħu lill-intimata btala bħala ringrazzjament. Insista li l-intimata dejjem qaltlu li peress li kienet tahdem *part time*, hi ma kellhiex flus iżda kienet ser tħallsu lura meta tibda taħdem *full time.* Qal li huwa ma kienx jaf meta kienet ser tħallsu lura iżda kien jemminha. Qal li hija kienet dejjem tgħidlu li Farsons kienu ser idaħħluha *full time.* Spjega li huwa qatt ma staqsa lill-intimata kemm kienet tirċievi paga. Insista li l-intimata dejjem insistiet li hija ser tħallsu ta' sehemha u kif ukoll sabiex huwa ma jitkellem xejn dwar dan quddiem il-familja tagħha.

Spjega li kien hu li kien jagħżel il-btala u l-intimata kienet tmur tħallas biċ-ċekk li jagħtiha. Spjega li l-akkomodazzjoni kienet tagħżilha l-aġenzija. Fl-Awstralja, huwa kien ħadha ġo lukanda *5 star.* Kompla jgħid li r-relazzjoni spiċċat meta ħabib tagħhom Alfred Azzopardi pprova jmiss sider l-intimata fil-kamra fejn huwa jżomm iż-żwiemel u huwa kien daħal għal għarrieda filwaqt li sema' lill-intimata tgħid lil Azzopardi biex jieqaf għax kien ġej hu. Ikkonferma li huwa pprova jerġa' jirranġa ma' l-intimata iżda hi ma riditx. Spjega li hija kienet wegħditu li ser tħallsu l-flus tas-safar u baqa' b' xejn.

Spjega li huwa kien issemmi lill-intimata dwar il-ħlas darba kull tant. Qal li huwa kien f' relazzjoni tajba magħha u għalhekk minkejja li siefru diversi drabi u baqa' ma tħallasx, huwa ma ssusspettax li l-intimata ma kinitx ser tħallsu. Qabel ma siefru l-Polonja, huwa kien talabha tħallsu iżda l-intimata kienet qaltlu li ser tibda ġġemma' u tħallsu ta' kollox. Qal li l-intimata qatt ma qaltlu li mhux ser tħallas sehemha peress li l-btala saret biex igawdu flimkien jew biex jikkumpensaha tal-paċenzja li kienet tieħu bih.

## III. Punti legali

L-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili jistipola li:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*.... (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Din il-Qorti tqies li flimkien mal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi allaċċat l-Artikolu 2160 tal-Kap 16 liema Artikolu ġie ntrodott bl-Att numru I tal-2017 liema att daħal fis-seħħ fit-tlettax (13) ta' Jannar 2017.

Mhuwiex biżżejjed li jiġi ppruvat id-dekors ta' ħames snin, iżda sabiex l-eċċezzjoni tal-intimat tiġi milqugħa, għandhom jiġu sodisfatti l-elementi kontenuti fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 li jaqra:

*"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

*(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

*(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħt iġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

Sentenza interessanti f' dan ir-rigward hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fis-16 ta' April 2019 (Rikors numru 162/2017/1JVC) fl-ismijiet fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 162/2017 datata 28 ta' Marzu 2017 **Automated Revenue Management Services Limited vs Kunsill Lokali Rabat.** Fiha intqal:

*"F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud et*

*deciza mill-Imhallef Anthony Ellul fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) fejn inghad:*

*'… Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq ilkonvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn:*

*'… Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala*

*ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur.' (Vincenza Vella -vs- Carmela armla Sciberras', Prim Awla, Qorti Civili deciza nhar is-16 ta' Jannar 1963).*

*Illi ghalhekk il-pozizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tieghu fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret wahda attiva u dana fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-gurament tieghu waqt il-kawza ghandu jikkonferma li ma huwiex debitur. Fis-sentenza P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-sittax (16) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) gew ezaminati fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk inghad:*

*'…Li forsi ma fehmx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu msemmi fir-rigward talartikli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan lartiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi l-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu msemmi. …'"*

## IV. Evalwazzjoni fil-mertu

Illi bħala xhieda tressaq biss ir-rikorrenti. L-intimata ma xehditx. Minn imkien ma jirriżulta li l-intimata xehdet li hija ma għandhiex tagħti flus lill-attur jew li ma tiftakarx li l-ammont indikat ġie mħallas. Għalhekk ma tirriżultax id-dikjarazzjoni bil-ġurament kif trid il-liġi li l-ammont mhux dovut jew li ma tiftakarx jekk dan tħallasx.

Għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ma tqisx li l-eċċezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta tista' legalment tirnexxi u ser tgħaddi sabiex tiċħad l-istess.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata. Spejjeż ta' din is-sentenza għandhom jiġu sopportati interament mill-intimata.

Maġistrat Simone Grech